MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 103/7

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

103.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

103.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (102/7 [26/04/18]);

103.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

103.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

103.5 Rapporti;

103.6 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' – progress;

103.7 Monument tal-Gudja – progress;

103.8 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;

103.9 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali;

103.10 Ftuħ – Ġnien taż-Żgħażagħ;

103.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

103.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**103.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

103.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**103.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (102/7 [26/04/18])**

103.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Dawn il-minuti 102/7 ġew approvati nem con.

103.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti 102/7. Tema 102.3.8 Knis madwar il-Gudja. Il-pagament huwa ta' €1430 kull xahar. Ix-xogħol għadu mhux sodisfaċenti u l-Kunsill irid ikompli jagħfas fuq il-kuntrattur sabiex jagħmel xogħol aħjar. Il-kuntrattur għandu jagħti rendikont tax-xogħol li jkun agħmel imqar darba fil-ġimgħa.

**103.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

103.3.1 Toqba fi Triq San Ċiru (fejn hemm binja kbira li ilha tiela' xi ftit tas-snin). Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jqabbad perit sabiex jindaga dwar din il-ħofra qabel ma jieħu xi azzjoni sabiex tingħalaq għalie fil-fehma tiegħu din tista' tkun bokka ta' xelter tal-gwerra jew ta' xi bir. Jekk din tkun bokka ta' xelter, il-Kunsill jieħu passi sabiex jirranġah sewwa.

103.3.2 Devoluzzjoni ta' art fejn Palazzo d'Aurel għal bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku qal li riċentament kellu laqgħa mas-Sinjura Marisa Pisani, Direttur tal-Gvern Lokali fejn ġie diskuss dwar il-proċedura tad-devoluzzjoni bil-għan li titħaffef din il-proċedura u l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet.

103.3.3 Vandaliżmu fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li l-Kunsill informa lill-Pulizija dwar dan il-vandaliżmu li qiegħed ikun spiss u dan bil-għan li jkun hemm aktar sorveljanza tal-Pulizija u jinqabad min ikun qed jagħmel il-ħsara.

103.3.4 Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju 2018. Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill iħejji programm mifrux fuq xi ħamest ijiem jew aktar u jtella' diversi attivitajiet b'risq il-komunità tal-Gudja.

Għal din is-sena l-Kunsill sejjer iniedi l-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2', jorganizza ħarġa għal Għawdex. Il-qofol tal-programm ta' Jum il-Gudja fil-15 ta' Lulju, ikun quddiesa u tqegħid ta' fjuri quddiem il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra u l-Kunsill jingħaqad fil-programm tal-Lejla Sajfija fejn ikun hemm serata ta' kantanti kemm mill-Gudja kif ukoll oħrajn barra mill-Gudja.

Is-Sindku filwaqt li stieden lill-Kunsilliera kollha sbiex jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-ħsibijiet tagħhom dwar xi attività li jixtiequ jtellgħu dwar id-dekasteri tagħhom stqarr li l-programm finali jiġi avżat aktar 'il quddiem

103.3.5 Rikonoxximent lill-Kunsilliera u qraba għall-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li tibda l-ħidma sabiex ikun hemm rikonoxximent għal din l-okkażjoni kif ukoll xi forma ta' rikonoxximent ieħor peress li din is-sena sejjer jiġi ċċelebrat l-għeluq tal-25 ena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali

103.3.6 Xogħol fi trejqa tal-Għoljiet. Is-Sindku qal li sar xogħol ta' tindif f'dawn l-inħawi.

103.3.7 Sistema ta' drenaġġ fi Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tas-Sezzjoni tad-Drenaġġ fil-WSC sabiex jassigura li ma jkunx hemm problemi meta jibda ix-xogħol fuq din it-triq.

**103.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

99.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**103.5.0 Rapporti**

103.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Xogħol fi Triq iż-Żebbuġa – bil-pavè jew b'materjal ieħor li jixraq sewwa fl-ambjent tal-madwar. Is-Sur Baldacchino stqarr li minn żmien ilu l-Kunsill kien qabel li din il-parti tat-triq biswit il-Knisja u li tibda min-naħa ta' fuq ħdejn l-Iskola Primarja għandha issir b'materjal li jixraq l-ambjent tal-qalba tar-raħal. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jara l-possibilità li jikseb fi finanzjament mill-Awtorità tat-Toroq Malta li qed tieħu f'idejha x-xogħol ta' toroq sabiex ix-xogħol isir kif maqbul mal-Kunsill, iżda l-Kunsill għandu jara illi jekk fil-preżent il-Kunsill ma jkollux flus sabiex jagħmel ix-xogħol b'materjal speċjali kif maqbul, għandu jistenna sabiex jibda u jwettaq dan il-proġett bil-materjal meħtieġ meta jkollu l-fondi meħtieġa kif ukoll bl-għajnuna ta' finanzjament ta' sorsi oħra.

b. Dustbins fil-pjazza. Is-Sur Baldacchino għamel preżentazzjoni dwar 2 bins li jixirqu fil-pjazza tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill qiegħed ukoll ifittex bankijiet xierqa sabiex iżejnu l-għamara u l-ambjent tal-pjazza li hija frekwentata sewwa. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Baldacchino.

c. Dutbins mal-latrini pubbliċi biswit Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li dan id-dustbin għandu jinbidel u jkun aktar ta' utilità speċjalment li jinsab qrib ħafna tal-venda tal-karozzi tal-linja.

d. Tiswijiet tar-railing fil-gazebo fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill sejjer jagħmel dan ix-xogħol sabiex tissewwa l-ħsara bl-aħjar mod possibbli anke jekk ikun hemm bżonn jitlob li jsir parti mir-railing mill-ġdid.

e. Fanali tat-toroq. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li jsir stħarriġ sabiex il-fanali jkollhom manutenzjoni sewwa u jekk dan ma jkunx possibbli jingħata bidu sabiex jinbidlu gradwalment.

Is-Sur Baldacchino qal li wieħed għandu jfittex fornituri li jipprovdu prodotti tad-dawl fit-toroq għaliex fil-fehma tiegħu fis-suq jista' jkun hawn fanali li jixirqu l-ambjent u li jkun jaħlu anqas konsum ta' elettriku u li jkollhom bżonn ta' manutenzjoni anqas spissa.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

103.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Laqgħat dwar il-volontarjat. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex issir il-laqgħa dwar il-volontarjat għaliex dan huwa ta' siewi kemm

għall-każini tal-baned, dawk tal-politika kif ukoll tal-bosta għaqdiet li jinsab jaħdmu fil-Gudja b'mod volontarju.

Peress li l-Kunsill ma għandux post fejn jorganizza l-laqgħat, il-Kunsill jista' jitlob l-għajnuna tal-Parroċċa sabiex, bi ftehim, tipprovdi l-post li jkun xieraq għal dawn il-laqgħat.
Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

b. Ġnien R. Caruana. Is-Sur Sammut qal li jinsab sodisfatt li jidher li l-proġett reġa' qabad it-triq peress li l-permessi sejrin joħorġu sal-aħħar ta' Ġunju 2018. Is-Sur Sammut stqarr li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibbli sabiex dan il-proġett li sejjer jitwettaq mill-Gvern Ċentrali jibda u jitlesta kemm jista' jkun malajr peress li f'partijiet tal-ġnien hemm periklu u mhux l-ewwel darba kien hemm xi inċident fejn persuna weġġgħet għaliex waqat fuq ċangatura maqlugħa u ostakoli oħra.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qiegħed f'kuntatt dirett mal-Perit Anne Casha sabiex filwaqt li jassigura li jingħata bidu dwar dan il-proġett mill-aktar fiss possibbli, jassigura li l-istess proġett ikun ta' fejda għall-komunità tal-Gudja.

c. Xogħol ta' tindif ħdejn Ta' Loretu. Is-Sur Sammut fakkar dwar ix-xogħol ta' tindif li sar u stqarr li hija ħaġa importanti li titpoġġa tabella 'Jekk Jogħġbok żomm il-post nadif' u li jkun hemm bins qrib il-kappella li jitnaddfu b'mod regolari.

103.5.4 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Xogħol ta' knis ġewwa l-Gudja. Is-Sur Caruana qal li filwaqt li japprezzaw li issa l-Kunsill għandu kuntrattur dwar il-knis, il-progress s'issa għadu ftit kajman. Is-Sur Caruana qal li fl-ewwel 24 ġurnata mill-01 ta' Mejju 2018 meta beda l-kuntrattur kien għadu li ma sar ebda knis f'dawn id-diversi toroq meta fil-fatt il-ftehim mal-kuntrattur jelenka l-frekwenza ta' kif u meta għandhom jinkinsu t-toroq.

Is-Sur Caruana stqarr li fost it-toroq li ma sarx knis fihom hemm:-

Triq Bettina, Triq il-Lebbien, Triq il-Lewż, Triq l-Għelejjel, Triq Xlejli, Triq Dorell, Triq il-Markiża, Triq Filippu Castagna, Triq San Ġorġ, Triq Victor Passmore, Triq Dun Pawl Mallia, Dawret il-Gudja, parti minn Triq iż-Żebbuġa, Triq San Pawl, Triq Birżebbuġa u parti minn Vjal it-Torri.

b. Ismijiet ta' toroq. Is-Sur Caruana stqarr li sa mill-2014 ġie diskuss u maqbul li jiġu riġenerati tabelli ta' ismijiet ta' toroq, fosthom ta' Triq R. Caruana u sa issa jidher li ma sar xejn. Il-Kunsill qabel li jinsab kuntrattur li jista' jagħmel dan b'mod professjonali għaliex dan mhux xogħol ta' xi ftit tiċpis żebgħa.

c. Programm tal-'Erba' Staġuni' fil-kunċert tas-16 ta' Ġunju bil-koordinazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa. Is-Sur Caruana qal li waqt din l-attività tal-Erba' Staġuni sejra tiġi mtellgħa bil-kollaborazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa fil-kappella ta' Bir Miftuħ bil-kunċert tas-16 ta' Ġunju 2018, ikun hemm isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja jidher fl-imejls li jintbagħtu u li l-Kunsill Lokali tal-Gudja jissemma' waqt l-istess kunċert u anke fuq materjal stampat.

   Is-Sur Caruana qal li jkun xieraq li meta l-Kunsill ikun qed jidħol u jaħdem b'kollaborazzjoni kif qed jagħmel ma' Din l-Art Ħelwa f'dan il-kunċert nazzjonali, l-isem tal-Kunsill għandu jissemma' u jingħata prominenza xieraq u f'waqtha.

103.5.5 George Fenech (Kunsillier)

a. WiFi4EU. Is-Sur Fenech staqsa fejn jinsab il-proċess tal-WiFi4EU u jekk dan il-proċess ġiex segwit.

b. Master plan/linji gwida. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill Lokali għandu jkollu xi tip ta' master plan osija linji gwida sabiex il-Kunsill jagħraf jimxi ma' pjanijiet li jiġu proposti u jimxi ma' *deadlines* u prassi komuni fejn il-Kunsill iħoss il-bżonn. Dan m'għandux jiġi mfixkel mal-kontenut tal-Master Plan tal-PA u l-ERA.

c. Konfini. Is-Sur Fenech staqsa jekk saritx xi talba għal laqgħa mal-Kummissarju Elettorali rigward il-konfini tal-Gudja u l-MIA. Is-Sur Fenech ġie infurmat li din hija kwistjoni li ilha s-snin u issa wasal iż-żmien sabiex jerġgħu jibdew dawn it-taħditiet peress li issa hija ċara wisq aktar minn qatt qabel li s-sitwazzjoni preżenti hija ta' preġudizzju, anke finanzjarja għall-interess tal-Gudja u l-komunità Gudjana.

d. Sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Fenech staqsa dwar dan peress li din hija ta' ħtieġa dwar is-sigurtà u ħarsien ta' persuni kemm residenti kif ukoll oħrajn. Is-Sur Fenech ġie infurmat li din il-materja tinsab għall-attenzjoni tat-TM bil-għan li jiġi awtorizzat xi sistema ta' *traffic clamer* kif meħtieġ.

**103.6.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

103.6.1 Is-Sur Fenech ħabbar li dan il-ktieb li qed jiġi sponsorjat mill-Kunsill Lokali wasal fil-fażi tal-qari tal-provi u mistenni jibda l-istampar tiegħu u jkun lest lejn l-aħħar ta' Ġunju 2018.

Is-Sur Fenech ippreżenta qafas ta' programm li fih għandu jiġi ppreżentat dan il-ktieb. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li din il-preżentazzjoni tkun parti mill-programm ta' Jum il-Gudja 2018 u sejra ssir fl-10 ta' Lulju 2018 fis-6.30pm fi Ġnien R. Caruana.

Is-Sur Fenech qal li sejjer jinforma lill-Kunsill dwar il-pretenzjonijiet tal-awtur u jekk ikun hemm xi qligħ mill-bejgħ ta' dan il-ktieb, il-fondi jmorru għal għanjiet filantropiċi.

**103.7.0 Monument tal-Gudja – progress**

103.7.1 Is-Sur Fenech stqarr li kienet saret laqgħa mal-esperti nhar l-10 ta' Mejju 2018 u ġie maqbul li s-sottomissjonijiet kollha għandhom kwalità tajba u għalhekk ġie propost li nlaqqgħu lil parteċipanti u nitolbuhom joħorġu b'idea waħda li tinkorpora s-sottomissjonijiet kollha u jżommu fuq tema waħda b'dak ewlieni u marbut mal-Gudja.

Il-parteċipanti għandhom jiġu nfurmati dwar dan. Is-Sur Fenech qal li peress li daħal iż-żmien ma saritx possibbli li dan il-monument isir għal Jum il-Gudja 2018 iżda jistgħu jsiru preparamenti li dan jiġi inawgurat fl-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

Is-Sur Fenech qal li tal-anqas għandu jiġi ppreżentat abbozz lir-residenti dwar dan il-proġett u jkun dan ikun jista' jiġi esebit fi żmien ta' Jum il-Gudja 2018.

Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Fenech

**103.8.0 *Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja - progress**

103.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-proċedura stabbilita u ddeċieda li ssir laqgħa speċifika fis-06 ta' Lulju 2018 wara li jkunu saru l-avviżi kif meħtieġ. Id-draft kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti sejrin ikunu disponibbli għall-pubbliku skont kif stipulat fil-proċeduri kif meħtieġ.

**103.9.0 Fondi – Miżura 4.3 – toroq rurali**

103.9.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-proġett ta' toroq rurali fl-inħawi Ta' Loretu, Triq Victor Passmore u Triq tal-Lampat. Hemm fondi tal-Ewropa ta' €707969.69 kif indikat fil-ftehim.

10% tal-proġett għandhom joħroġhom il-Kunsill iżda jiġu rikavati mill-Gvern Ċentrali. Il-proġett kellu jibda xi xhur ilu, iżda peress li l-approvazzjoni tal-fondi fil-fatt ġew fl-aħħar ta' April 2018, il-Kunsill qed jitlob estenzjoni sal-aħħar ta' Novembru 2018.

Il-Kunsill ġie infurmat li sejra jkun hemm proċedura ta' etenders u li sejrin jiġu ġġudikati u evalwati nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2018. Il-Kunsill approva li l-membri tal-aġġudikazzjoni jkun:-

Ċermen – John Mary Calleja
Segretarju – Ranier Busuttil

Evaluators – Dr. Joseph Sammut, Christopher Falzon, Michael Debono u Kevin Borg.

Il-Kunsill ikkonferma li s-Sur Joseph M. Formosa jkompli bħala Project leader f'dan il-proġett.

**103.10.0 Ftuħ – Ġnien taż-Żgħażagħ**

103.10.1 Il-Kunsill ġie infurmat li dan il-Ġnien taż-Żgħażagħ kien sejjer jinfetaħ uffiċjalment nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill ġie wkoll infurmat li l-programm tal-ftuħ ġie ppreparat mill-Aġenzija Żgħażagħ u li l-Kunsill irċieva l-finanzjament dwar dan il-proġett.

Il-Kunsill b'mod unanimu feraħ lill-Kunsill taż-Żgħażagħ għal dan il-proġett u talab sabiex filwaqt li dan il-lok ikun ta' fejda għaż-żgħażagħ dan il-lok ikun sostnut u mantenuti sewwa. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu tabelli dwar il-ħarsien ta' dan il-post speċjalment li ma jsirux BBQ.

**103.11.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

103.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 56/7 hekk kif ippreżentata u ppproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €14,476.71. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**103.12.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

103.12.1 Irtirar minħabba l-età penzjonabbli. Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qal li s-Sur Formosa għandu jirtira minħabba li laħaq l-età penzjonabbli. Il-Kunsill, minbarra li ħa konsiderazzjoni li s-Sur Formosa ma ħa l-ebda penzjoni jew xi benefiċċju ieħor li jiġi minħabba l-impjieg tiegħu mal-Kunsill, kif ukoll l-esperjenza f'diversi oqsma liema esperjenza tgħin ħafna fil-ħidma tiegħu mal-Kunsill, u li dejjem ħadem fl-aħjar interess tal-Kunsill u peress li l-ħidma tas-Sur Formosa hija ferm meħtieġa u importanti għall-Kunsill speċjalment meta s-Sur Formosa huwa Project Leader fil-proġett tal-Miżura 4.3 u huwa impenjat f'bosta xogħol ieħor ta' fejda, ma tkunx ħaġa f'lokha li l-Kunsill iwaqqaf lis-Sur Formosa fil-ħidma tiegħu u għalhekk għandha tinsab soluzzjoni adekwata. Il-Kunsill ikkonsidra li jekk is-Sur Formosa jitwaqqaf minn din il-ħidma żgur li jkun hemm ħsara irreparabbli għall-Kunsill.

Il-Kunsill ħa wkoll konjizzjoni tal-fatt li mill-bidu tax-xogħol tas-Sur Formosa l-Kunsill kien ftiehem u qabel li s-Sur Formosa jibqa' fl-ingaġġ mal-Kunsill anke meta dan jilħaq l-età ta' l-irtirar. Il-Kunsill kien ukoll ftiehem li seta' jitlob lis-Sur Formosa sabiex jibdel ir-rwol tal-impjieg oriġinali tiegħu u dan skont l-esiġenzi tal-ħidma tal-Kunsill.

Il-Kunsill dejjem qabel li s-Sur Formosa jibqa' fl-impieg b'mod indefinit u dan kif ukoll juruh il-minuti preċedenti tal-Kunsill u l-komunikat li l-Kunsill għamel mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fiċ-ċirkustanzi u sabiex il-Kunsill ikompli jagħti widen għal dak li talab id-Dipartiment rigward l-impjieg tas-Sur Formosa u sabiex ma tinħoloqx xi sitwazzjoni ta' konflitt bla bżonn u ta' detriment għal ħidma u progress tal-Kunsill, il-Kunsill qabel u ddeċieda li l-impjieg preżenti jiġi mibdul f'Contract for Service u b'hekk il-Kunsill ikun qed jaderixxi ma' dak li talab id-Dipartiment mingħajr ma jinħoloq preġudizzju u xi sitwazzjoni ta' konflitt u li l-partijiet kollha jkomplu jaħdmu fl-aħjar interess tal-Kunsill u l-komunità tal-Gudja.

103.12.2 Il-Gudja sit ta' kostruzzjoni. Il-Kunsilliera urew it-tħassib tagħhom dwar il-ħafna żvilupp li qiegħed isir f'daqqa u li qiegħed jikkawża inkonvenjent serju f'bosta nħawi ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dak kollu possibbli sabiex il-ħajja fil-Gudja ma tiġix imfixkla minħabba dan l-iżvilupp u għalhekk għandu jsir kontroll siewi mill-awtoritajiet u li l-Kunsill jara li l-permessi dwar makkinarju fit-toroq ikunu b'mod li ma jingħalqux it-toroq u jiġġamjaw it-traffiku speċjalment fil-qalba tal-Gudja.

Waqt din id-diskussjoni ntwera t-tħassib dwar l-allegazzjonijiet li s-Sindku jiġi avviċinat minn persuni li jkunu jagħmlu żvilupp u anke jagħmlu ħsarat fil-bankina kif ukoll f'parti mit-triq. Dwar dan il-punt issemmiet sit ta' kostruzzjoni fi Vjal it-Torri fejn central strip ġiet imkissra u dan sar bl-approvazzjoni tas-Sindku.

Is-Sindku wieġeb li huwa approva b'mod verbali li temporanjament tiċċarat parti mis-central strip peress li xogħol u l-inġenji f'dan l-iżvilupp kien imfixkel. Meta ċċartet is-central strip l-inġenji fosthom trakkijiet bil-materjal ikunu jistgħu jċaqilqu minn fuq il-post bl-ebda tfixkil żejjed u b'hekk l-iżvilupp ikun jista' jitħaffef.

B'mod ġenerali ġie diskuss li l-Kunsill Lokali hu magħmul minn ħames persuni li s-Sindku għalkemm jirrappreżenta l-Kunsill, m'għandu l-ebda poter li jawtorizza xejn sakemm dan ma jkunx ġie quddiem il-Kunsill u li dak li jsir għandu jiġi maqbul dwaru madwar il-mejda tal-Kunsill.

Dak li awtorizza s-Sindku meta ta permess verbali, ġab fuq is-Sindku, responsabilità personali għaliex is-Sindku aġixxa kontra l-governanza ġusta u xierqa mistennija mill-katedra ta' sindku.

Is-Sindku wieġeb li huwa kien iħoss li seta' jagħmel dan fil-vesti tiegħu u poteri ta' Sindku. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien ukoll talab li s-sid tal-proprjetà li kisser is-central strip sabiex jerġa' jirranġa din is-central strip kif appena jitlesta x-xogħol. Is-sid kien lest li jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub li jsegwi u jagħmel tajjeb għal ħsara li saret fis-central strip.

F'dan l-istadju ġie wkoll imsemmi li fil-liġi sussidjarja 441.04 li minnhom joħorġu l-permessi dwar l-użu ta' makkinarju fit-toroq fejn f'każ li ssir ħsara waqt id-depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju ieħor, il-Kunsill Lokali jkollu d-dritt li jiġbor mingħand id-detenur tal-permess dwar l-ispejjeż li jkopru l-ħsara li tkun saret sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

B'mod unanimu, il-Kunsill qabel li l-permessi joħorġu biss mill-amministrazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura stabbilita u li ħadd ma jista' jieħu l-liġi b'idejh jew jawtorizza dan b'mod verbali.

L-ebda abbuż ta' poter ma jista' jiġi approvat għaliex dan jista' jnaqqas ir-rispett u l-fiduċja tar-residenti u l-awtoritajiet lejn il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li kull min ikun jaf b'xi abbuż jista' jew javviċina l-Kunsill dwar dan sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa jew ukoll jieħu azzjoni diretta mal-Pulizija, LESA, TM, PA kif ukoll mal-BRO skont il-każ.

Fil-fehma tal-Kunsilliera għalkemm l-amministrazzjoni tal-Kunsill m'għandhiex x'taqsam dwar dak li seħħ, b'dak li stqarr is-Sindku hija konferma uffiċjali li hemm instanti li s-Sindku għan-nom tal-Kunsill ta approvazzjoni verbali biex nies imorru oltre mill-permess li tagħathom il-liġi u jaqilgħu anke bankini u central strips.

Is-Sindku għandu rappreżentazzjoni legali tal-Kunsill iżda din qatt ma tista' tiġi abbużata billi jingħata xi permess verbali.

103.12.3 Pendenzi li dwarhom għandu jaħdem il-Kunsill. CCTVs kameras fejn meħtieġ, ngombru f'diversi toroq u nħawi fil-Gudja, linji sofor quddiem residenti privati possibbilment bla ħtieġa.

Is-Sur Fenech stqarr li mhux aċċettabbli li jibqgħu dawn il-pendenzi u li fid-dawl ta' dan, il-Kunsill għandu jassigura li jkun dejjem in-regola sabiex ma jkunx hawn sentiment fil-Gudja li xi residenti jistgħu jagħmlu li jridu aktar minn ħaddieħor.

Il-Kunsill qabel li jsir dak kollu possibbli sabiex il-pendenzi msemmija u l-isfidi dwarhom għandhom jiġu megħluba u b'hekk jinkiseb il-progress meħtieġ u li jkun hemm ħajja aħjar għar-residenti u l-komunità tal-Gudja.

103.12.4 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 26 ta' Ġunju 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv